# 126. Meta Sikru l-Qattus u l-Ġurdien

Għal xhur sħaħ il-Ġurdien ċkejken
fil-kantina tal-inbid
għex u staħba wara l-btieti,
kollu qtajja u tregħid;

Qattus ixheb b'par mustaċċi,
daqs tal-aqwa pampalun,
kien qed jgħasses, sabiex juri
kemm tal-kaċċa hu mustaċċun.

Darba waħda l-inbid aħmar
beda jqattar minn kaputa;
u għadira żgħira żgħira
għamel fl-art ħamra daqs tuta.

Il-Ġurdien daq qatra żgħira
tegħemha u sabha għasel bnin;
reġa' daq, u reġa' għoġbu,
u minn qatra daq għoxrin.

Mal-għoxrin qatra ġo demmu
saħħa ħass daqs tal-iljun;
tela' fuq kaputa jgħajjat:
"Fejn hu dak il-mustaċċun?

"Mustaċċih irrid naqlagħlu,
u nikolhom mal-ġbejniet!"
Waqaf fuq saqajh ta' wara
jhedded kollu ponnijiet!

Ixxurtjat il-Ġurdien ċkejken!
Pampalun kien qed fil-ġnien;
u fis-sakra ta' namuru
nesa l-għassa u 'l-Ġurdien!